MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 1010/2013

**Accountant General u Direttur tal-Kuntratti u d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**

**Vs**

**Arthur John Ellul Sullivan Ghas-Socjeta' A.E. Sullivan Limited u dina in rapprezentanza tas-Socjeta' Estera Feluwa Schlesiger and Company Limited kif ukoll bhala garanti solidali ta' l-istess socjeta' estera u b'digriet moghti fl-4 ta' Marzu 2014 il-Qorti ordnat korrezzjoni fis-sens li s-socjeta' intimata hi Nova Nomen Abwicklungsgesellschaft mbH gja Feluwa Pumpen GmbH rapprezentata mill-avukat Jens Lieser**

Permezz ta' rikors prezentat fil-21 ta' Ottubru 2013, ir-rikorrenti ppremettew u talbu:-

*Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Apprell (Sede Kummercjali) fl-14 ta' Gunju, 1989 fil-kawza fl-ismijiet premessi (Citazzjoni Numru 1073/73), kopja ta' liema qeghdha tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. 'Dk1', il-kumpannija Feluwa Schlesiger and Co. Limited giet ikkundannata (i) biex trod lura lill-esponenti s-somma ta'* ***Lm25,650 llum ekwivalenti ghal €59,748.43****, (ii) biex thallas bl-imghax legali min-notifika tac-citazzjoni u (iii) biex thallas ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza hlief ghall-ispejjez imwettqa mill-kumpannija A. E. Sullivan Limited f'isimha propriju;*

*Illi minkejja li l-kumpannija Feluwa Schlesiger and Co. Limited u r-rapprezentanti lokali taghha kienu gew interpellati biex ihallsu diversi drabi huma baqghu ma hallsux;*

*Illi permezz ta' decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Jannar 2000, kopja taghha hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. 'DK2', is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) kienet regghet giet maghmula ezegwibbli skont l-****artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta****;*

*Illi anke wara din ir-riattivazzjoni l-kumpannija Feluwa Schlesiger and Co. Limited u r-rapprezentanti lokali taghha xorta baqghu ma hallsux dak li kien dovut lill-esponenti;*

*Illi mid-data tal-ahhar decizjoni tat-13 ta' Jannar 2000, ghaddew iktar minn ghaxar snin u ghalhekk l-esponenti jehtiegu l-permess ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex is-sentenza fuq imsemmija tkun tista' terga' tigi reza ezegwibbli skont l-****artikolu 258 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta****;*

*Illi sadattant ukoll, bis-sahha ta' ftehim ta' divizjoni (Dok. D3) irregistrat fir-Registru kummercjali fil-Germanja, l-assi u d-djun tal-kumpannija Feluwa Schlesiger & Co Limited ghaddew kollha ghand il-kumpannija l-gdida Feluwa Pumpen GmbH li aktar tard biddlet isimha ghal Nova Nomen Abwicklungsgesellschaft mbH u li saret is-successur legali tal-kumpannija Feluwa Schlesiger & Co Limited. Ghalhekk dan ir-rikors qieghed isir ukoll fl-ambitu tal-Artikolu 259 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-kumpannija Nova Nomen Abwicklungsgesellschaft mbH gja Feluwa Pumpen GmbH li llum tinsab fi process ta' stralc, bhala s-successur tal-kumpannija Feluwa Schlesiger & Co Limited.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

> *(a) Sabiex terga' taghmel ezegwibbli skont l-****artikolu 258(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*** *s-sentenza moghtija fl-14 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet* ***Accountant General, id-Direttur Tal-Kuntratti u d-Direttur Tax-Xogholijiet Pubblici vs. Arthur John Ellul***

> ***Sullivan Ghas-Socjeta' A.E. Sullivan Limited u dina in rapprezentanza tas-socjeta' estera Feluwa Schlesiger and Co. Limited kif ukoll bhala garanti solidali ta' l-istess socjeta' estera*** *(Citazzjoni numru 1073/73); u*
>
> *(b) Sabiex tawtorizza li l-ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza tkun tista' ssir fil-konfront tal-kumpannija Nova Nomen Abwicklungsgesellschaft mbH gja Feluwa Pumpen GmbH bhala s-successur tal-kumpannija Feluwa Schlesiger & Co. Limited;*
>
> *Bl-ispejjez kontra l-kumpannija Feluwa Pumpen GmbH.*

Permezz ta' twegiba prezentata fis-16 ta' Dicembru 2013 (fol. 58), is-socjeta A.E. Sullivan Limited wiegbet:

1. Arthur John Ellul Sullivan miet fil-25 ta' Dicembru 2012.
2. A.E. Sullivan Limited kienet appuntata bhala mandatarja ta' Feluwa Schlesiger and Co Limites fis-sena 1969 u ghalhekk il-hatra ilha li skadiet. Fil-fatt m'ghadhiex mandatarja ta' dik il-kumpannija u lanqas taf jekk ghadhiex tezisti, u m'ghandha l-ebda awtorita' biex tirraprezentaha.
3. Tapplika l-preskrizzjoni tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili.

Permezz ta' risposta prezentata fit-22 ta' Jannar 2014 (fol. 64), is-socjeta' Feluwa Pumpen GmbH ppremettiet u talbet:-

> *1. Illi s-socjeta' esponenti Feluwa Pumpen GmbH mhijiex is-successur legali tal-kumpanija Feluwa Schlesiger and Co. Limited;*
>
> *2. Illi s-socjeta' esponenti Feluwa Pumpen GmbH kienet precedentement maghrufa bhala AKR Regeltechnik GmbH meta din akkwistat parti mill-assi tal-kumpanija Feluwa Pumpen GmbH li kienet tinstab fi stat ta' proceduri ta' likwidazzjoni;*
>
> *3. Illi s-socjeta' AKR Regeltechnik, illum maghrufa bhala Feluwa Pumpen GmbH, ma assumietx id-djun tal-Feluwa Pumpen GmbH precedentement maghrufa bhala Feluwa Schlesiger and Co. Limited, meta saret it-transazzjoni permezz ta' liema hija xtrat xi assi mis-socjeta' Feluwa Pumpen GmbH antika li kienet tinstab fi stat ta' likwidazzjoni tramite l-likwidatur tal-istess kumpanija;*
>
> *4. Illi kien wara li s-socjeta' AKR Regeltechnik xtrat parti mill-assi tas-socjeta' in likwidazzjoni Feluwa Pumpen GmbH illi l-istess socjeta' AKR Regeltechnik biddlet isimha ghal Feluwa Pumpen GmbH;*
>
> *5. Illi s-socjeta' antika Feluwa Pumpen GmbH li ttrasferiet assi taghha lis-socjeta' AKR Regeltechnik GmbH, giet likwidata;*

*6. Illi l-ligi tal-"insolvency" Germaniza hija l-ligi applikabbli sabiex tirregola l-effetti tal-likwidazzjoni tal-kumpanija antika Feluwa Pumpen GmbH, kumpanija registrata l-Germanja, liema kumpanija hija llum likwidata;*

*7. Illi l-ligi tal-"insolvency" Germaniza tipprovdi illi d-djun ta' socjeta' fi stat ta' likwidazzjoni ma jigux trasferiti lil xerrej ta' assi tal-kumpanija li qed tigi likwidata, meta dik it-transazzjoni ta' xiri ta' assi jsir permezz tal-likwidatur appuntat;*

*8. Illi ghal kull buon fini jigi rilevat illi s-sentenza li taghha qed tintalab l-ezekuzzjoni titkellem dwar kumpanija "Feluwa Schlesinger", filwaqt li r-rikors volgari jitkellem dwar "Feluwa Schlesiger";*

*9. Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-konfront tas-socjeta' esponenti Feluwa Pumpen GmbH bhala infondati fil-fatt u fi dritt u stante illi hija mhijiex is-successur tal-kumpanija Feluwa Schlesiger and Co. Limited.*

*B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri ghat-talba tar-rikorrenti.*

Permezz ta' affidavit prezentat fis-27 ta' Jannar 2014 (fol. 74), l-Avukat Dr Franco Agius ikkonferma dak li jinghad fir-rikors pomotur u ghamel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Gunju 1989 fil-kawza **Accountant General et vs Arthur John Sullivan nomine** (Citaz. Numru: 1073/73) li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-24 ta' April 1980 li biha l-kumpannija Feluwa Schlesinger & Co Ltd giet kundannata thallas lill-atturi s-somma ta' Lm25,650 bl-imghax min-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez [ara wkoll affidavit ta' Joseph Schembri, Assistant Direttur fl-ufficcju tal-Accountant General, fol. 80 u tal-Perit Raymond Farrugia, Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xogholijiet u Servizzi, fol. 81].

Permezz ta' rikors prezentata fis-17 ta' Marzu 2014 (fol. 136) ir-rikorrent talbu li ssir korrezzjoni fir-rikors promotur fis-sens li s-sitt paragrafu tar-rikors promotur jigi segwit biex jaqra hekk:

*"illi sadattant ukoll, bis-sahha ta' ftehim ta' divizjoni (Dok. D3) irregistrat fir-Registru kummercjali fil-Germanja, l-assi u d-djun tal-kumpannija Feluwa Schlesiger & Co Limited ghaddew kollha ghand il-kumpannija l-gdida Feluwa Pumpen GmbH li aktar tard biddlet isimha ghal Nova Nomen Abwicklungsgesellschaft mbH u li saret is-successur legali tal-kumpannija Feluwa Schlesiger & Co Limited. Ghalhekk dan ir-rikors qieghed isir ukoll fl-ambitu tal-Artikolu 259 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-kumpannija Nova Nomen Abwicklungsgesellschaft mbH gja Feluwa Pumpen GmbH li llum tinsab fi process ta' stralc, bhala s-successur tal-kumpannija Feluwa Schlesiger & Co Limited"*.

B'digriet tal-21 ta' Marzu 2014 (fol. 142), il-qorti laqghet it-talba.

Mill-atti jirrizulta li l-istralcarju Jens Lieser (Avukat) bhala stralcarju ta' *Nova Nomen Abwicklungsgesellschaft mbH* gie notifikat izda ma pprezentax twegiba. Irrizulta kif fis-sena 2000 Feluwa Pumpen GmbH li qabel kien jisimha Feluwa Schlesinger & Co Limited u li kienet ghaddejja minn proceduri ta' stralc, ittrasferiet assi lill-kumpannija ohra permezz ta' ftehim ta' divizjoni. Irrizulta li l-kumpannija Feluwa Pumpen GmbH sar jisimha *Nova Nomen Abwicklungsgesellschaft mbH,* filwaqt li l-kumpannija terz akkwirenti sar jisimha *Feluwa Pumpen GmbH.*

Wara li l-qorti rat l-atti jidher li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati.

**Ghaldaqstant tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti u:**

1. **Terga' tirrendi ezegwibbli s-sentenza moghtija fl-14 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Accountant General, id-Direttur Tal-Kuntratti u d-Direttur Tax-Xogholijiet Pubblici vs Arthur John Ellul Sullivan ghas-socjeta' A.E. Sullivan Limited nomine (Citazzjoni numru 1073/73); u**

2. **Tawtorizza li l-ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza ssir fil-konfront tal-kumpannija Nova Nomen Abwicklungsgesellschaft mbH gja Feluwa Pumpen GmbH bhala s-successur tal-kumpannija Feluwa Schlesinger & Co. Limited kif rapprezentata mill-istralcarju Jens Lieser;**

**Spejjez a karigu ta' Nova Nomen Abwicklungsgesellschaft mbH.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------